MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 166/2005

**Avviz numru 166/05 DM**

**George Grima et**

**Vs**

**Mario Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat li jizgombra mill-garaxx li jinsab 35 ST. Lawrence Street Birkirkara peress illi qieghed jokkupa dan il-garaxx minghajr titolu validu anzi, minghajr ebda titolu u s-sidien iridu l-pusess lura.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizju gie ddikjarat li ma jeccedix l-elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1) Illi preliminarjament in-nullita’ ta’ l-avviz stante li l-attur George Grima kien gia mejjet qabel effettivament gie ntavolat l-avviz sudett;
2) Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjent Mario Grima ghandu titolu ta’ co-proprjeta’ ta’ l-imsemmi fond u dan wara li wiret lil missieru George Grima meta dan gie nieqes u cioe’ qabel ma’ giet intavolata l-kawza odjerna;
3) Illi l-imsemmi George Grima effettivament qatt ma’ ppretenda xejn minghand l-attur stante li ma’ kienx lucidu u f’kundizzjoni li jiddeciedi li jintavola din il-kawza u dana kif ser jigi ahjar provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4) Illi bla pregudizzju ghall-premess il-garaxx in kwistjoni qieghed fil-pussess ta’ l-eccipjenti wara ftehim bejn il-partijiet;
5) Salvi l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ukoll il-verbal ta’ llum permezz ta’ liema l-partijiet ddikjaraw illi l-konvenut qieghed jirrinunzja ghal kull titolu ta’ pussess li huwa seta’ kellu fuq il-fond in kwistjoni u illi ntrabat illi jizgombra mill-garaxx in kwistjoni fi zmien xahar mil-lum u l-Qorti ntalbet li taghti sentenza f’ dan is-sens.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut m’ ghandu ebda titolu ta’ pussess validu ghall-garaxx in kwistjoni qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex jizgombra mill-garaxx 35, Triq San Lawrenz, Birkirkara u ghall-fini ta’ dan l-izgumbrament qegha tipprefiggi terminu ta’ xahar mill-lum.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------